


# KELMA BEJN TNEJN

## *Intervista ma' Lewis Grima dwar il-memorji tiegħu fuq raħal twelidu – Ta' Kerċem u l-festa tal-Madonna tas-Sokkors*

**1. Għidilna xi ħaġa dwarek**

Għandi 75 sena. Missieri kien Salvu tal-Gudbajbu, ommi Marija mill-Għasri għalhekk lilna kienu jsibuna bħala ta' 'Marija tal-Għasri'. Twelidt l-Għasri u ġejna noqgħodu ta' Kerċem fl-1940. Bqajt ta' Kerċem sa meta kelli 19-il sena meta tlaqt lejn l-Awstralja f'Mejju tal-1955, biex ningħaqad mal-familja tiegħi f'Melbourne. Ġejt lura Malta fi Frar tal-1960. Iżżewwiġt f'Ħal Luqa f'Novembru tal-1960 u bqajt noqgħod f'dan ir-raħal fejn rabbejt familja ta' żewġ subien u tifla. Illum kollha miżżewġin u nannu ta' ħamsa.

**2. Kif tiddeskrivi tfulitek fir-raħal ta' Kerċem?**

Niftakar, għalkemm ta' eta' żgħira, meta wasalna! Konna noqogħdu f'dar ta' Wiġi ta' Gona fi Triq Sarġ u wara morna noqogħdu f'dar ta' Mawriz fi 15 Triq Sarġ. Attendejt bħat-tfal l-oħra fl-Iskola tal-gvern tar-raħal. Fil-gwerra konna nattendu għall-iskola f'xi djar għax fl-iskola kien hemm ir-refuġjati Maltin. Kont dħalt mal-Boy Scouts fir-raħal stess. Niftakar l-i*Scout Master* kien Ġorġ Gatt (Tal-Farfett). Darba ġabuna Malta aktarx kienet St George's Day u ġabru l-i*Scouts* kollha ta' Malta u Għawdex fix-Xgħajra tal-Furjana fejn kien ġie l-Gvernatur biex ingħata t-tislima. Wara lilna l-Għawdxin kienu ħaduna l-*Head Quarters* tal-i*Scouts*, il-Furjana stess fejn tawna xi *refreshments* qabel tlaqna lura Għawdex. Wara kont dħalt abbati fejn domt sa meta kelli 17-il sena. Kont dejjem attiv fil-funzjonijiet tal-Knisja. Ngħin fil-Quddiesa tal-5.00am jew tas-6.00am. Konna nattendu għall-funerali li kienu jsiru fl-4.30am u ngħinu fil-quddies. Kien ikun hemm ħafna mwiet ta' trabi. Kien mietilna wieħed minn ħuti wkoll. Konna nerfgħuhom aħna t-tfal. Ilibbsuna l-libsa tal-Preċett, jgħamlulna faxxa minn fuq spallitna għal mal-ġenb u t-tfal kienu jkunu f'tebut abjad u nwassluhom mikxufin. Kienu jdoqqu l-glorja jew il-'frejħa' biex iħabbru l-mewt u l-glorja waqt il-funeral. Id-dfin kien għadu jsir kollu fil-kannerja taħt il-Knisja. Fil-funerali ġeneralment kien ikun hemm żewġ passati quddies (jiġifieri quddiesa fuq kull artal). L-ewwel kienu joħorġu kif jasal il-mejjet sakemm jitkanta il-matutin u mbagħad toħroġ il-quddiesa bil-ministri u kienet tkun kantata u quddiesa oħra f'kull artal. Il-Quddiesa kienet bil-Latin u allura n-nies kienu jduru mal-artal li jagħżlu biex jisimgħu dik il-waħda u waqt il-quddiesa kienu jgħidu r-Rużarju għax ħadd ma kien jifhem xejn. Meta kbirt il-Kappillan Dun Mikielanġ Grima kien dejjem jagħmilni ċerimonier. Kont ngħallem id-dutrina u kont nieħu ħsieb is-subien waqt il-quddiesa. Il-bniet kienu jieħdu ħsiebhom Miss Vitorja Azzopardi u Ġanna Borġ tal-Barun. Ir-raħal kien kwiet u n-nies kienu jinġiebu ħafna bejniethom. Kulħadd kien jgħin lil ta' ma' ġenbu kif jista. Niftakar li ommi kienet tibgħatna fuq l-għajn ta' ħdejn l-iskola biex nimlewla l-ilma biex ikollha biex taħsel il-ħwejjeġ tagħna. Konna tmienja u dejjem kienet iżżommna nodfa pupilla. Konna mmorru jien u tnejn minn ħuti subien b'żewġ laned kbar (tax-xaħam) u bramel li meta kbirna konna nġorruhom bil-menza. Konna nagħmlu ħin twil biex nimlewhom għax mill-għajn kienu jinqdew Ta' Pejpu u Triq Sarġ. Allura kien ikun hemm ħafna jistennew

wara xulxin. Konna wkoll ngħinuha fit-trobbija tal-annimali, immorru naqtgħu il-ħaxix u neħduh id-dar għax missieri kien jaħdem f'Malta bħala naġġar u allura kien jiġi s-Sibt ma' tas-siegħa u jitlaq it-Tnejn ma' tal-ewwel. Bħala logħob konna nagħmlu 'scooters' bir-roti ta' xi 'push chair' jew roti bil-*ballrace* u ntellqu bihom. Konna nilagħbu wkoll biċ-ċrieki, karti tal-pakketti tas-sigaretti u 'toys' oħra li konna nivvintaw. Mhux l-ewwel darba li konna naqgħu waqt li nkunu fuq l-i*scooters* għax it-toroq kienu bit-torba dak iż-żmien, fis-sajf mimlijin trab u fix-xitwa ilma u għadajjar. Konna ninżlu ħafna Wied Ħmar nirgħaw in-nagħaġ u l-mogħoż u fl-istess ħin noqogħdu nilagħbu bid-dgħajjes li konna nagħmlu mill-weraq ta' dindja fl-għadajjar li kien ikun hemm. Fi żmien id-dris meta dak iż-żmien kienu għadhom jagħmlu il-qiegħa konna nieħdu pjaċir immorru fuq il-qiegħa nilagħbu bil-qasbija, ninħbew ġo fiha u f'xi ljieli meta kienet tkun ħafna sħana konna anke nitilgħu norqdu fuq it-tiben għall-frisk.

### 3. Tista ssemmielna xi Kappillani li tiftakar u xi Saċerdoti li 'llum m'għadhomx magħna?

L-iktar li niftakar hu l-Kappillan Grima li kien ġa Kappillan meta ġejna noqogħdu ta' Kerċem u kien għadu meta sifirt. Hu kien il-mutur tar-raħal. Dejjem attiv u jieħu ħsieb ta' kollox. Dan jixhduh l-opri li hemm fil-Knisja b'mod speċjali l-pittura. Dan, minħabba li kont abbati dejjem kien iqabbdna nagħmlu xi xogħol. Niftakar konna mmorru niġbru l-bajda għal-Knisja kull nhar ta' Sibt. Jien kont immur ma' Ġulinu Vella. Kellna







Ta' Pejpu, fuq Għajn Tuta u fuq is-Sarġ. Konna nħabbtu bieb bieb u ngħidu 'għal-knisja'. Matul is-sena kien jagħmel rakkolti skond l-istaġuni per eżempju tas-silla, kien ikun hemm irġiel bil-karettuni u l-bhejjem u n-nies titfa l-qatet minn fuq il-bejt. kien jiġbor il-qamħ li kien ikun midrus ukoll. Kien jagħmel ħafna lotteriji u anke jorganizza fieri. Kont ngħin billi npinġi kartellun kbir u nbiegħu l-biljetti bħal tas-sold xelin. Niftakar meta kelli xi 14-il sena konna bdejna nagħmlu l-funzjoni tal-Gimgħa l-Kbira (bil-priedka tat-tlett siegħat) u konna nniżżlu 'l korp ta' Kristu (dak li hemm fis-Sagristija ta' fuq - għax dak għandu jdejh jistgħu jinżlu) mis-Salib marbut ma' liżar abjad!

Ta' 16-il sena kont dħalt il-Mużew (fir-Rabat). Kienu ġew jagħmlu Sajda Mużewmina ta' Kerċem u bdejt nitla r-Rabat kulljum, inkluż is-Sibt u l-Ħadd. Ħadt formazzjoni tajba fis-sentejn li għamilt. Ippruvajt inħajjar żgħażagħ oħra biex jiġu iżda ħadd ma tħajjar. Nixtieq infakkar li għamilt żmien inniżżel Superjur li kien jiġi minn Malta biex jagħmel il-Qagħda, il-Ħadd filgħaxija. Fosthom kien jiġi s-Superjur Generali Ġeġe Borg (li għandu kawża tal-beatifikazzjoni miftuħa). Kont nakkumpanjahom bil-mixi mir-Rabat għal ta' Kerċem u lura. Konna nagħmlu din il-laqgħa fir-remissa ta' Marinton tal-Klierja u li għaliha kienu jattendu xi rġiel anzjani. Ħaġa oħra li xtaqt nsemmi hi li fil-Mużew kont ngħallem tifel biex jagħmel il-Prietka tal-Milied waqt il-Purċissjoni tal-Bambin madwar ir-Rabat u kont tlabt lil Kappillan biex ngħallimha lil Girgor Grech (illum Monsinjur) u wara li raha tani l-permess. Tant kien mar tajjeb li qala' ċapċipa kbira u x'ħin resaq ħdejn il-Kappillan feraħlu u qallu "il-lejla erġa' pprietka int" u hekk kien





għamel. Esperjenza oħra fil-Mużew kienet li fl-1953 meta kienu ħaduna ġurnata Malta fl-Iskola 'Saint Michael' u hemm ġie jkellimna Dun Gorġ Preca (illum San Gorġ Preca). Konna smajnieh b'attenzjoni kbira għax b'dak li kien jgħid kien jiġbdek, għadda minn magħna u x'ħin wasal ħdejja qabadli x-xagħar ta' fuq moħħi u qalli 'dan xagħrek żgħażugħ!' u baqa' għaddej. Ma kontx għoġobtu għax kont kandidat u xagħri ma kienx maqtugħ qasir biżżejjed.

Saċerdoti oħra li niftakar kienu Monsinjur Emmanuel Grech. L-iktar li niftakru jqarar fis-sagristija t'isfel kull nhar ta' Sibt u niftakar meta ħassu ħażin u miet. Konna attendejna għal Vjatku u kif għamillu l-Griżma tal-morda ngħaqad mal-Mulej. Kien hemm Dun Salv Vella li mingħalija minn barra l-quddiesa kien iservi l-Katidral, Dun Mikielanġ Grech li kien sagristan il-Katidral, Dun Gużepp tal-Qasam li kien l-organista u Dun Anton Grima li kien jattendi għall-funzjonijiet kollha fil-Knisja u kien rettur tal-Knisja ta' Santa Luċija.

Qrib il-Festa ta' San Girgor u wara għall-Festa tas-Sokkors kien jiġi għal xi jiem Patri Xmun Portelli O.Carm (Ta' Bastjan) Kien joqgħod fi-post tagħhom f'Ta Pejpu. Kien anzjan; fil-fatt kien iċċelebra s-60 sena mill-ordinazzjoni saċerotali tiegħu. Kont nitla l-Knisja miegħu u ngħinu fil-quddiesa. Kien iqaddes fuq l-artal tal-Karmnu.

## 4. Tista tgħidilna xi ħaġa fuq il-Purċissjoni ta' San Girgor li kienet issir bis-sehem tal-Parroċċi kollha ta' Għawdex?

Niftakar ta' eta' żgħira kont nitla maz-ziju Karmnu jew iz-ziju Pawlu għax kienu fratelli, sal-Katidral u lura, nżomm mal-kurdun tagħhom. Meta kont abbati konna nieħdu sehem fiha bħala abbatini flimkien mal-fratelli u l-kleru tar-raħal. Niftakar aħna u neżlin mill-Katidral konna nkantaw il-litanija tal-Qaddisin u aħna il-ħin kollu konna nkantaw *Sancte Gregorii* u n-nies tismagħhom jgħidu: "dawn ta' Kerċem!". Ma rajtx l-aħħar waħda, tal-1955, b'dispjaċir kbir għax dakinhar kelli nagħmel eżami f'Malta biex inkun nista nitla' l-Awstralja. Kienet tkun purċissjoni sabiħa ħafna tara l-parroċċi kollha neżlin waħda wara l-oħra u b'numru ta' parruċċani magħhom. Kien ikun hawn attivita' sħiħa. Wara li jaslu u jidħlu fil-Knisja kulħadd jerġa' jmur lejn ir-raħal tiegħu. Kienu jġibu karettuni biex iġorru lura l-istandardi, Slaleb tal-fratellanzi …eċċ. Wara nofs inhar kien ikollna l-Għasar bil-paninġierku u l-purċissjoni bl-istatwa ta' San Girgor. Ta' min isemmi li din il-Festa kienet tkun iċċelebrata fil-Festa liturġika tagħha, fit-12 ta' Marzu.

## 5. X'involviment kellek fir-raħal ta' Kerċem u fil-Festa tas-Sokkors?

Minn meta kont għadni tifel kont ninteressa ruħi fl-armar tat-toroq, inġorru is-saratizzi u l-bnadar biex inwaħħluhom mal-armi. Dak kien l-armar madwar id-dawra tal-purċissjoni. Imbagħad saru l-pavaljuni tat-Triq ta' quddiem il-Knisja. Fil-Festi taċ-Ċentinarju (1946) kienu saru wkoll l-Appostli minn Wistin Camilleri. Kien laħaq għamel tminja biss f'dik is-sena. Bħala tiżjin kont għamilt numru ta' festuni bid-dawl għal Triq Pejpu u għal fuq Għajn Tuta. Dawn konna qabbadnihom mad-dawl ta' xi familji. Aktar tard kont xtrajt u qassamt fellus lil kull familja ta' dawn it-toroq u bil-flus li ġbarna konna għamilna numru ta' pavaljuni tad-drap. Ma konniex kumitat iżda konna ħafna drabi nkunu fil-ħanut ta' Pawlu l-Qinnu u noħorġu bl-idejat. Dawk li ħadmu fil-pavaljuni fuq disinn tiegħi niftakar lil Rita Gauci tal-Mulett, Tonina Grech Ta' Żaqżaq u Rita Grech ta' Bernarda! Jista jkun kien hemm oħrajn li llum insejt. Konna fassalnihom flimkien u kont pittirt xi armi tal-Madonna fihom. Dawn aktarx saru fl-1952/53.

Kont involvejt ruħi ukoll fix-xogħol tan-nar. L-ewwel konna bdejna nagħmlu l'iskrataċ bil-kartun u nagħmlu l-kanni għall-kaxxi nfernali. Konna nagħmluhom bil-

bottijiet tal-ħalib u mbagħad nillamtawhom tlieta tlieta. Wara li kbirna bdejna wkoll naħdmu l-murtali u l-bombi tal-musketterija kif ukoll inħalltu l-kulur. Dan ix-xogħol kien isir ma' Kieli ta' Banda, Ġużepp ta' Ħaxxen, Gori l-Lagrament u Ġużepp iċ-Cosa. Konna naħarqu l-murtali mill-Erbgħa tat-Tridu meta kienu joħorġu l-Madonna fil-Knisja. Dak iż-żmien kienet għada tinżamm f'niċċa fis-sagristija bħalma kien ukoll San Girgor. Konna nkomplu naħarqu l-ġranet kollha f'nofs inhar u wara l-Barka. Ma kontx nitlef li naħraq il-kaxxa spanjola u mbagħad immur niġri biex nilbes u nagħmel kappa fil-purċissjoni. Konna nieħdu pjaċir bil-kant tal-Għasar, il-prietka tat-Tridu u l-kant ta' l-Antifona u l-Kant ta' l-Innu l-Kbir x'ħin toħroġ il-Purċissjoni.

Involviment ieħor kien li l-Kappillan qabbad lil Ġulinu u lili biex niżbgħu l-pedistal tal-Madonna ta' barra. Dan kien għamlu Carmelo Refalo tal-Qaddis mix-Xagħra u meta ġibnieh kien miżbugħ bil-milju biss. Għalhekk żbajnieħ bil-bjankett abjad u wara li għaddiet il-festa l-Kappillan kien ġab lil Wistin Camilleri biex jagħtina l-kuluri. Kien uża l-kuluri roża, blu, u isfar. Konna niżbugħ fiċ-Ċirklu u meta lestejnieħ armajnieh fil-Kappellun tal-Qalb ta' Ġesù biex jarawħ in-nies. Fl-istess żmien konna għamilna bnadar ġodda għal fuq il-kampnari għax li kien hemm kienu tqattgħu. Kont għamilt kopja tagħhom u pittirthom. Nismagħhom jgħidu li l-originali kienu ta' Briffa. Meta xi sentejn ilu staqsejt x'sar minnhom qaluli li aktarx intremew! Kont ukoll, fuq talba ta' Kieli Attard (Ta' Banda) żbajt il-fond tal-armi ta' fuq it-twieqi tal-Koppla għax kien iċċara. Dan għamiltu bl-għajnuna ta' Ġulinu wkoll u l-armar li wżajna kien xi żewġ twavel u sellum. Meta noqgħod naħseb ngħid kemm ma konniex fhimna x'periklu kellna. Qabel tlaqt, il-Kappillan kien talabni wkoll niżbogħ l-arloġġi tal-faċċata. Naħseb li kienet is-sena 1953 għax kont għamilt id-data bħala l-Ħadd 12 li f'dik is-sena kienet ħabtet il-Festa tas-Sokkors.

### 6. Tiftakar xi nies li kont taħdem fil-qrib magħhom?

Bħala abbatini niftakar lil Mons. Nikola Vella, Mons. Joe Gauci, Mons. Gużeppi Grech, Ġulinu u Koli Attard. Rigward armar u nar dawk li semmejt. Leli Gambin u jien meta konna Melbourne l-Awstralja, konna ġbarna xi flus minn għand xi individwi u organizzajna fiera biex ġbarna mitt lira u bgħatnihom lil Kappillan għal-Pavaljun tal-Madonna. Kien ħa pjaċir u bihom qalilna li kien xtara l-inforra, jiġifieri l-parti ta' ġewwa, il-bajda, li kienet għaxar liri l-jarda.

### 7. Kemm ilek ma tkun hawn ir-raħal għall-Festa?

L-aħħar li ġejt kien sentejn ilu għax is-sena l-oħra minħabba ċirkostanzi familjari ma stajtx. Jien bqajt dejjem ninteressa ruħi fil-festa tar-raħal u sa meta kien hemm iz-Zija Karmni kont kważi nitla kull sena bit-tfal żgħar. Meta kibru kien hemm żmien li nqtajt iżda dawn



l-aħħar għaxar snin naħseb li ma fallejtha qatt. Ġie li ġejt ukoll għal-purċissjoni ta' San Girgor. Għadni nieħu ħafna pjaċir nattendi għall-Quddiesa Solenni u l-Paninġierku u għall-ħruġ tal-Purċissjoni. Inġedded ħafna memorji sbieħ u anke niltaqa' u nitkellem ma' ħafna mill-ħbieb antiki li kelli, kemm irġiel kif ukoll nisa għax nieqaf inkellem lil kull min kont naf dak iż-żmien. Għadni nżomm kuntatt mal-ħbieb bit-telefon fuq kull ħaġa ta' interess li jkun hemm fir-raħal.

### 8. Tara xi differenza fil-mod kif tiġi 'ċċelebrata 'llum il-festa tas-Sokkors u dari?

Naħseb li hemm differenzi sew. Fi żmieni kien ikun hemm il-marċ tas-Sibt mill-Bajjada għal quddiem il-Knisja. Imbagħad żdiedet id-dimostrazzjoni tal-Gimgħa bil-Madonna u kien isir xi marċ il-Ħadd qabel il-purċissjoni. Kienu jsiru wkoll it-tiġrijiet tal-bhejjem il-Ħadd kmieni wara nofs inhar, fi Triq Santa Lucija. Illum hemm numru sabiħ ta' żgħażagħ li huma attivi sew. Dan jixhduh il-kumitati u s-sezzjonijiet li hemm. Jidher minn kif żdied l-armar tal-festa, armar sabiħ u mill-aħjar. Ħaġa oħra hi t-twaqqif tal-Banda San Girgor. Meta taħseb, hi ħaġa verament sabiħa li f'raħal hekk żgħir titwaqqaf Banda bl-impenji kollha li għandha. Żdiedu wkoll l-Baned u l-marċi fil-ġranet tal-festa u jkun hemm attendenza tajba min-nies barranin fil-festa.

### 9. Tixtieq twassal xi messaġġ lill qarrejja ta' din ir-rivista 'Leħen il-Banda San Girgor'

L-isfida hi mhux li tibda, bl-entużjażmu tal-bidu kollox isir, għalkemm b'sagrifiċċji kbar, iżda li tkompli. Nawgura lil Kumitat ħabrieki u l-membri kollha b'mod speċjali lil bandisti biex iħobbu dejjem l-għaqda tagħhom u jkomplu jaħdmu b'entużjażmu għal għan wieħed: li l-Banda San Girgor tkun dejjem waħda mill-aqwa f' Għawdex tagħna. Din is-sena hi sena dedikata għall-volontarjat u kull min iwettaq dan ix-xogħol volontarju għandu jħossu kburi. Għalhekk importanti l-perseveranza u li nħallu wirt lil ta' warajna.

Nawgura l-Festa t-tajba lil Kerċmin kollha.